Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 542/2012

Il-Pulizija
(Asst. Kumm. Dennis Theuma)

vs

Andre Falzon
Sean Farrugia

Illum, 27 ta' Novembru 2020

Il-Qorti,

Rat it-talba maghmula mill-appellant Andre Falzon permezz tar-rikors ipprezentat minnu fl-24 ta' Settembru 2020 fejn b'referenza ghall-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, talab sabiex dina l-Qorti taghmel referenza lil Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq stante illi huwa ma jistax jibbenefika minn dak dispost fl-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-impediment legali illi l-ammont ta' droga Cannabis u kokajina jeccedi l-limitu preskritt bil-ligi u dan kif gie deciz f'digriet moghti minn din il-Qorti tat-13 ta' Novembru 2019 fejn it-talba tieghu biex il-Qorti tikkonverti ruha f'Qorti dwar id-Droga giet michuda.

Ikkunsidrat:

Illi f'kaz ta' lanjanza kostituzzjonali, il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda li ghandha parametri stretti dettati mill-Kostituzzjoni stess. Infatti l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ighid:

"**jekk f'xi proceduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta'l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja**."

Illi ghalhekk il-Qorti certament f'dana l-istadju bl-ebda mod ma hija imsejha u lanqas hija kompetenti sabiex tiddeciedi fil-mertu l-istess kwistjoni u trid tara biss jekk fl-opinjoni taghha, it-talba maghmula mid-difiza sabiex issir referenza abbazi ta' dak premess hijiex wahda li tinvolvi kwistjoni li hi primarjament frivola jew vessatorja. Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mifsud vs Avukat Generali** gie deciz illi l-kliem frivoli jew vessatorji ifissru illi l-kwistjoni li tkun tqajjmet hi irrilevanti proceduralment fil-proceduri li fihom tkun tqajjmet. Fil-fatt il-kelma "frivola" inghatat it-tifsira ta' "ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens u b'hekk ma ghandhiex tinghata xi forma ta' attenzjoni jew konsiderazzjoni." In rigward "vessatorja" din tidher li tfisser "minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li dejjaq u tirrita lil kontro-parti."

Ikkunsidrat,

Illi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi essenzjalment hames rekwiziti ghalbiex persuna li tkun mixlija b'reat tista' tkun elegibbli sabiex tigi ipprocessata minn Qorti dwar id-Droga.

1. il-persuna akkuzata trid tkun mixlija b'reat kontra l-ligijiet dwar id-droga.
2. l-ammont ta' droga mertu tal-kaz ma jkunx jeccedi dak indikat fil-linja gwida li tinsab fir-Raba Skeda ghal Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. ir-reat huwa attribwibbli sostanzjalment ghad-dipendenza tal-persuna akkuzata fuq id-droga u allura irid jigi stabbilit illi fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat kienet tezisti din id-dipendenza.
4. jekk ir-reat ikun wiehed taht xi ligi ohra u mhux dik dwar id-droga, dan ma jkunx wiehed fejn il-piena teccedi is-seba' snin prigunerija u ma ikunx reat volontarju kontra l-persuna jew inkella li r-reat ma jkunx gie imwettaq bl-uzu ta' armi regolari jew splussiv, u
5. irid jigi ippruvat illi jezistu ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi rijabilitata mid-dipendenza taghha fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali biex tinheles minn din id-dipendenza.

Issa meta qorti  tintalab tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' Droga u tibghat l-atti quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, f'kaz li l-Bord jiddikjara lill-persuna akkuzata hielsa mid-dipendenza fuq id-droga, l-Qorti ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija biex b'hekk il-persuna misjuba hatja tibbenefika minn piena nqas gravuza u cioe' wahda alternattiva ghal dik tal-inkarcerazzjoni.

Illi l-appellant qieghed jilmenta illi huwa qed jigi imcahhad minn "fair trial" u dan billi qed jinholoq pregudizzju ghalih meta il-ligi l-gdida introdotta permezz ta'l-Att numru 1 tal-2015 tikkontempla *threshold* arbitrarja u soggettiva imfassal mill-legislatur fir-rigward tal-*quantum* tad-droga mertu tal-kaz, f'wiehed mir-rekwiziti stabbiliti fil-ligi li jaghti l-jedd lil Qorti li tikkonverti ruhha f' Qorti dwar id-Droga. Dan fil-fehma tal-appellant imur kontra l-ispirtu ta' din il-ligi li tfittex ir-rijabiltazzjoni u mhux ir-retribuzzjoni.

Dan ifisser ghall-appellant Andre Falzon li ghalkemm huwa bniedem rijabilitat mill-vizzju tad-droga u li ghalhekk jissodisfa ir-rekwiziti l-ohra imfassla fil-ligi, madanakollu huwa mcahhad mill-jibbenefika mill-istess minhabba f'dan il-limitu imfassal mil-legislatur marbut mal-*quantum* tad-droga involuta f'dan il-kaz. Dan fil-fehma tieghu qed johloq sitwazzjoni ta' disparita' fl-applikazzjoni tal-ligi fil-konfront ta' persuni li jinsabu fl-istess sitwazzjoni u li l-uniku differenza hija biss fl-ammont ta' droga involuta, liema limitu gie imfassal mil-legislatur b'mod soggettiv u minghajr bazi xjentifika biex b'hekk tirrizulta lezjoni ta' smiegh xieraq.

Illi l-Avukat Generali jikkontendi illi l-ilment imresaq 'il quddiem mir-rikorrenti ma jinkwadrax ruhu taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi previsti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif imfassal ukoll fil-guriprudenza kemm tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll tal-Qorti Ewropeja. Dan ghaliex l-appellant ma jistax jippretendi illi r-riforma li sehhet f'hajjtu u dan fit-trapass taz-zmien li damu ghaddejjin dawn il-proceduri, ghandhom b'daqshekk jintitolawh awtomatikament ghal beneficcju imfassla fil-Kapitolu 537 u dan ghaliex huwa ma jistax jissodisfa ir-rekwizti mfassla mil-legislatur. Illi allura dawk il-fatturi li fil-fehma tieghu jaghmluh kandidat idonju ghall-applikazzjoni tal-ligi imsemmija jistghu jittiehdu biss in konsiderazzjoni mill-qorti meta tigi ghal kalibrazzjoni tal-piena u li

ghalhekk b'daqshekk ma jfissirx illi l-jedd tieghu ghal smiegh xieraq ser jigi vjolat.

Ikkunsidrat,

Illi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

> **"(1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha <u>bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali,</u> jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' u wara li tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bidDroga, toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga".**

Issa jidher car illi meta l-legislatur irrefera ghar-Raba Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, dan kien qed isir billi l-ammont ta' droga hemmhekk indikat jaghti gwida lil Avukat Generali dwar jekk il-persuna akkuzata ghandhiex tigi ggudikata mill-qrati inferjuri u cioe' il-Qorti tal-Magistrati jew il-Qorti Kriminali. Dan ifisser ghalhekk illi l-artikolu 8 ma isibx applikazzjoni ghal dawk il-kazijiet fejn persuna hija mixlija bir-reati imfassla fl-Ordinanza quddiem il-Qorti Kriminali[1] .

Illi  meta gie ippromulgat l-Att I tal-2015, l-uniku qorti li kellha is-setgha tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-droga kienet il-Qorti tal-Magistrati u

[1] Ara Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Bartolo deciza 03/04/2019 App.Sup.

dan fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali. Illi l-bdil fil-ligi bl-Att XXXII tal-2018 bl-inkluzjoni *inter alia* tas-subartikolu gdid (6A) ghal-artikolu 8, din is-setgha giet moghtija ukoll lil qorti fi grad ta' appell minn decizjonijiet tal-qrati inferjuri.

Dan ifisser allura illi meta l-kaz ikun gie deciz mill-qrati inferjuri u sussegwentment meta l-istess ikun pendenti quddiem il-qorti tal-appell fil-kompetenza inferjuri taghha, dan ghandu ifisser illi f'dan l-istadju ikun gie stabbilit illi l-persuna akkuzata certament ma hijiex ser tigi aktar iggudikata mill-Qorti Kriminali ghar-reati lilha addebitati billi l-Avukat Generali ikun ezercita d-diskrezzjoni tieghu skond ir-regoli imfassla fir-Raba Skeda tal-Ordinanza u li allura r-reat issa jaqa' fil-kompetenza tal-qrati inferjuri. Illi madanakollu billi l-*quantum* tad-droga xortawahda jkun jeccedi dak il-limitu, il-qorti tal-appell tibqa' prekluza milli tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-Droga billi l-legislatur ma hasibx sabiex jaghmel din id-distinzjoni. Dan jista' jsarraf allura f'diskrepanza fil-piena li tigi inflitta ghal reati simili meta dawn ikunu iggudikati mill-istess qorti, izda meta l-*quantum* tad-droga jkun jizboq il-limitu preskritt fil-ligi anke b'ammont zghir.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-lanjanza tar-rikorrenti tisthoqq stharrig kostituzzjonali billi l-inapplikabbilita' tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta ghal dawk l-persuni mixlija b'reati fejn l-ammont ta' droga jkun jeccedi l-limitu imfassal fir-raba Skeda ta'l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, izda fejn l-Avukat Generali jkun iddecieda xortawahda illi dik il-persuna ghandha tigi ggudikata mill-Qrati inferjuri jwassal ghal diskrepanza fil-piena, (piena aktar gravuza) li tigi inflitta ghar-reati simili quddiem l-istess qorti u dan meta r-rekwiziti mfassla fl-imsemmi Kapitolu 537 ikunu gew sodisfatti. Dan jista' johloq ukoll incertezza fl-applikabbilita' tal-ligi kif imfisser. Issa jekk tali lanjanza taqax fil-parametri ta'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni

jew ghal xi lezjoni ohra huwa gudizzju li ghandha tasal ghalih il-Qorti Kostituzzjonali u certament mhux din il-Qorti.

Illi fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-lanjanza hija waħda frivola u vessatorja. Huwa għalhekk li l-Qorti ser tressaq il-lanjanza ai termini tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjonu u l-artikolu 4 tal-Kap 319.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti, waqt li qed tirreferi għall-konsiderazzjonijiet kollha magħmula hawn fuq, sejra tirreferi din il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha:

*'Jekk l-akkużat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser jigi lez d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u dan billi qed jinholoq pregudizzju ghalih meta l-Att numru 1 tal-2015 kif sussegwentment emendat, fejn allura ghandu isib applikazzjoni ukoll fi stadju ta' revizjoni, jeskludi l-applikazzjoni favur tieghu tal-piena favorevoli u dan meta huwa jkun gie iggudikat mill-qrati inferjuri ghalkemm l-ammont ta' droga mertu tal-kaz jeccedi l-limitu ndikat fir-Raba Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.*

(ft) Imhallef
Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur